MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2013

Numru. 250/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**Vs**

**Blasio Buttigieg ta' 44 sena, bin Joseph u Margaret nee' Sultana, mwieled Rabat, Ghawdex fit-22/04/1969 r/a Blk.4, Flt.2, Triq Frieres, Hal Kirkop ID 011969G**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Blasio Buttigieg akkuzat talli fl-21 ta' Gunju 2011 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

1. f'dawn il-Gzejjer seraq pistola ta' ghamla SM Defense b'numru ta' serje 26394 li jiswa aktar minn mija u sittax Euro (Euro116) pero' anqas minn elfejn u hames mitt Euro (Euro 2500) ghad-detriment ta' persuna mhux

maghrufa liema serq hu aggravat bil-valur tal-haga misruqa.

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex imexxiehom.

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu arma tan-nar u munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

4. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gie fil-pussess ta' arma tan-nar, jigifieri pistola ta' ghamla SM Defense b'numru ta' serje 26394 u munizzjon xort'ohra milli b'licenza u minnufih naqas jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz.

5. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu blokka kannabis specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li ipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendat u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Akkuzat ukoll talli sar recidiv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma kollha definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-ordni maghmula mill-Avukat Generali tat-22 ta' Gunju 2011 ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u dana b'referenza ghal hames akkuza sabiex dina l-akkuza tigi trattat u deciz minn dina l-Qorti.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tat-08 ta' Novembru 2012.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi ma kellux oggezzjoni illi dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab rinfaccjata b'akkuzi dwar serq ta' arma tan-nar u ricettazzjoni, kif ukoll il-pussess ta' blokka kannabis. Il-pulizija bdew l-investigazzjonijiet taghhom dwar dana il-kaz fuq rapport anonimu li ircevew minn ghand persuna tas-sess maskili li irraporta illi l-imputat, li kien jahdem bhala watchman mal-fabbrika Asphaltar Limited gewwa Hal Far kien qieghed ibiegh id-droga u kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar. Il-pulizija ghalhekk marru fuq il-post u ezegwew tfittxija fil-kamra fejn kien jinsab ghassa l-imputat u fuq il-persuna tieghu. Fil-pussess ta'l-imputat instabet arma tan-nar tal-ghamla SM Defence bin-numru serjali 26394 flimkien ma' munizzjon ammontanti f'mitt skartocc. L-imputat ukoll ghadda lill-pulizija blokka kannabis li kienet ukoll fil-pusess tieghu. Ghalhekk infethet inkjesta magisterjali fejn gew mahtura diversi esperti sabiex tigi ezaminata l-arma tan-nar misjuba kif ukoll is-sustanza li kellu l-imputat fil-pussess tieghu. L-imputat jigi arrestat u interrogat fejn huwa

jirrilaxxja stqarrija[1]. L-imputat jistqarr mal-Ufficjal Investigattiv illi huwa kien akkwista l-arma tan-nar u cioe' il-pistola minn ghand wiehed ragel li ma jindikax min hu ghal prezz ta' €150. Ighid illi dana r-ragel kien tallbu l-ammont ta' €250, izda huwa ma accettax li jixtri dina l-arma b'dana il-prezz u ghalhekk offrielu €150 u dan accetta. Flimkien mal-pistola ighid illi dana ir-ragel ghaddielu ukoll il-munizzjon li l-pulizija sabu fil-pussess tieghu. Ghar-rigward tad-droga, ighid illi din akkwistaha minn ghand persuna ta' nazzjonalita barranija x'aktarx Ciniz li ghaddielu dina id-droga sabiex jippruvaha u dana minghajr hlas. Isostni illi huwa ma jehux droga izda ighid illi kien qed ipejjipha ftit ftit u kien ilu juza minnha ghal madwar erbgha xhur. Ighid illi l-pistola kien akkwistaha xi sena qabel ma gie arrestat.

Illi bhala provi il-prosekuzzjoni ressqet l-ufficjali tal-pulizija li kienu involuti fl-investigazzjoni ta' dana il-kaz u li ghalhekk ghamlu it-tfittxija fuq l-imputat u arrestawh. Fix-xhieda taghhom huma jikkonfermaw illi l-imputat ikkopera maghhom u li elevaw mill-pussess tieghu l-arma tan-nar, il-munizzjon u id-droga.[2]

Illi fil-kors ta'l-inkjesta magisterjali gie mahtur bhala espert tal-ballistika il-Brigadier Maurice Calleja li fir-rapport tieghu jikkonkludi:

**"L-esponent l-ewwel ma ezamina kien il-munizzjon. Dawn kienu jikkonsistu f'zewg kaxex. F'wahda mill-kaxex kien hemm 50 balla ikkargati waqt li fil-kaxxa l-ohra kien hemm 18-il balla ikkargati u 32 skartocc sparati. Dawn kienu go kaxex tad-ditta Fiocchi kif fil-fatt kienu wkoll il-balal. Dawn il-balal huma tal-kalibru 9mm Flobert. Il-balal Flobert huma tat-tip Rim Fire. Din tfisser li l-iskartocc m'ghandux kaps fin-nofs kif ikollhom skratac normali imma l-kaps taghhom huwa r-rim tal-bazi tal-iskartocc. Ghaldaqstant dawn jissejhu *Rim Fire*. Meta jigu sparati minn arma tan-nar il-*firing pin* jolqot ir-*rim* flok ic-centru. Dawn il-balal**

[1] Ara stqarrija Dokument CC3 a fol.34
[2] Ara xhieda ta' PS966 Ray Desira, PC464 Karl Falzon, PC931 Carmel Zarb, PC829 Alan Dougall, PC527 Stephen Camilleri u PC591 Jean Andre Grixti,

**huma mimlijin comb zghir u mhux balla solida. Dawn jintuzaw ghal xi kacca zghira.**

**L-esponent ezamina r-revolver. Huwa sab li dan ghandu kalibru ta' 9mm Flobert li huwa l-istess kalibru bhal munizzjon. Id-ditta li immanifatturat ir-revolver hija SM Defense ta' Franza. Ir-revolver ghandu numru tar-registrazzjoni 26394. Fuq il-kanna ghandu miktub bil-Franciz li huwa perikoluz biex jispara skratac bil-bullet head flok dawk bic-comb. Fil-fatt fil-kanna hemm pin sabiex dan ma isehhx. Din xortawahda tippermetti li jigi sparat b'dawn il-balal li hemm mar-revolver. Ir-revolver jiehu sitt balal fir-romblu."**

L-espert jikkonkludi illi wara l-ezamijiet li ghamel fuq dawn ir-reperti irrizultalu illi ir-revolver jiffunzjona tajjeb u ghandu kalibru ta' 9mm Flobert. Il-balal kollha ghandhom l-istess kalibru bhar-revolver. Ir-revolver jista' jikkaguna feriti serji.[3]

Illi minn stharrig li sar mill-WPC 216 Charmaine Fenech jirrizulta illi l-imputat ma ghandu l-ebda licenzja biex izomm jew igorr arma tan-nar u ghalhekk ma ghandu l-ebda arma tan-nar irregistrata fuq ismu.

Illi minn naha tieghu l-Ispizjar Mario Mifsud fir-rapport li ihejji wara analizi tal-blokka kannabis li tinsab fil-pussess ta'l-imputat jikkonkludi:

**"L-blokka ta' sustanza ta' lewn kannella .... f'ammont nett totali ta' 2.04 grammi, instabet li kienet raza tal-pjanta tal-cannabis. F'din il-blokka instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) u l-purita ghas-sustanza THC kienet ta' cirka 6.5%."**

Illi minn dana kollu jirrizultaw zewg fatturi ikonfutabbli u cioe' illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u munizzjon minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-

[3] Ara rapport a fol.22 tal-proces verbal DokumentJM a fol.91

Kummissarju tal-Pulizija ghaldaqstant, kif ukoll illi kellu fil-pussess tieghu bicca raza mehuda mill-pjanta cannabis.

Illi minn qari tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju, madanakollu jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat bis-serq ta' dina l-arma ta-nar u munizzjon jew fin-nuqqas tar-reat ta' ricettazzjoni.

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha ta' dina l-kawza, izda ma sabet l-ebda prova li tista torbot lill-imputat mas-serq ta' dina l-arma tan-nar. Lanqas ma jirrizulta mill-provi, fil-fatt illi dina l-arma hija misruqa. Ma jirrizultax illi kien hemm xi rapport mal-pulizija dwar is-serq ta'l-istess jew li kien hemm xi investigazzjoni ghaddejja in konnessjoni ma' xi serq ta' armi tan-nar. Kwindi dina l-Qorti qabel xejn lanqas tista' tistabilixxi jekk fil-fatt dina l-arma gietx misruqa o meno. L-unika hjiel li hemm fl-atti dwar kif dina l-arma giet fil-pussess ta'l-imputat hija l-istqarrija ta'l-imputat stess fejn huwa jikkontendi illi xtara dina l-arma tan-nar minn ghand wiehed ragel li ma jidentifikahx. Ighid li xtraha ghal prezz ta' €150, liema prezz il-Qorti mhijiex f'posizzjoni lanqas li tistabilixxi jekk kienx jirrifletti il-valur rejali ta' dina ir-revolver o meno. Ghalhekk lanqas ma hija f'posizzjoni tistabbilixxi jekk mill-prezz li hallas ghall-arma, l-imputat setax induna li din kienet provenjenti mis-serq. Hemm nuqqas ta' provi fl-atti in konnessjoni mal-ewwel zewg akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputat u kwindi l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat minn dawn l-akkuzi.

Illi l-ahhar tlett akkuzi madanakollu jirrizultaw ampjament ippruvati u kwindi il-Qorti ser issib htija ghall-istess.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tqies lill-imputat bhala recidiv[4]. Madankollu l-Qorti ser tiehu in konisderazzjoni il-kundizzjoni fizika ta'l-imputat meta tigi biex tqies l-piena, kif ukoll il-fatt illi huwa ikkopera bi shih mal-Pulizija fil-kors ta'l-investigazzjonijiet.

[4] Ara Dokument CC4 a fol.108

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 5(1), 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel zewg akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' €1500.

Il-Qorti tordna il-konfiska tad-Dokumenti MC1 konsistenti f'pistola u munizzjon esebiti mar-rapport tal-espert Brigadier Maurice Calleja.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tad-Dokument 357/11/01 esebit mar-rapport tal-Ispizjar Mario Mifsud.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil hati ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' €768.48.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------